C/2024/3867

18.6.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11598 – MARUBENI / ĊERTI PARTIJIET TA' TRUSTENERGY)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/3867)

1. Fl-10 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Marubeni Corporation ("Marubeni", il-Ġappun),

— Ċerti partijiet ta' TrustEnergy BV ("TrustEnergy", in-Netherlands; il-partijiet rilevanti ta' TrustEnergy minn hawn 'il quddiem imsejħa "TrustEnergy Subsidiaries", il-Portugall), li bħalissa huma kkontrollati b'mod konġunt minn Marubeni u Engie SA (Franza).

Marubeni se takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' TrustEnergy Subsidiaries.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Marubeni hija kumpanija kummerċjali u ta' investiment Ġappuniża attiva madwar id-dinja b'attivitajiet kummerċjali diversi f'varjetà wiesgħa ta' setturi tal-industrija, inklużi, fost l-oħrajn, proġetti tal-enerġija u tal-infrastruttura,

— TrustEnergy hija impriża konġunta bejn Marubeni u Engie li topera fis-settur tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fil-Portugall. TrustEnergy Subsidiaries jinkludu impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li jużaw ir-riħ jew il-gass naturali, u proġetti ta' żvilupp għall-ġenerazzjoni tal-elettriku bl-użu tal-enerġija solari u l-produzzjoni tal-idroġenu.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibgħatulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11598 – MARUBENI / ĊERTI PARTIJIET TA' TRUSTENERGY

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË